# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn hmistax (15) taʼ Jannar 2018**

**Rikors Numru 377/15 FDP**

**Yvonne Pullicino**

**vs**

**Automated Revenue Management Services Ltd, f'isimha proprja u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzoni tal-Ilma**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis 16 ta' Dicembru 2015 fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti s-segwenti:

1. *Illi fl-4 ta' Dicembru 2015, l-esponenti giet notifikata b'dikjarazzjoni mahlufa taht l-Art. 466 tal-Kap. 12 (Nru. 2368/15), li biha Ruben Bonnici halef illi l-esponenti hija debitrici tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Ltd, f'ismha propriu u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni tal-Ilma is-somma ta' €8,448.99 rapprezentanti bilanc dovut ghall-konsum ta ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fee flimkien ma imghax dovut fuq I-ammont skont il-ligi relatata mal-kontijiet tas-servizzi utili relattivi ghall-fondi (a) 357, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera, (b) 62, Triq San Pawl, Rabat; (c) 87, Triq Guze, Howard, Sliema; (d) 122/2, Triq Guze Howard, Sliema; u (e) 142/7, Triq it-Torri, Sliema.*

2. *Illi esponenti qeghda tikkontesta l-kontijiet relattivi ghall fondi (a) cioe 357, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa venera ammontanti ghal €4,328.32 u dak relattiv ghall-fond (c) cioe 87 (illum mibdul ufficialment ghall 124), Triq Guze' Howard, Sliema ammontanti ghall-€2721.62 – total ta' €7,049.94.*

3. *Illi l-elettriku gie skonnettjat minn dawn iz zewg fondi snin ilu u mhumiex abitati u ghalhekk ma seta' sar ebda konsum ta' elettrik fihom; ghalkemm l-esponenti talbu diversi drabi biex jigi stabbilit mill-qari tal-meters rispettivi illi kull konsum kien imhallas sa ma gie skonnettjat is-servizz, hemm biss dovut il-hlas tal kera tal meters; l-intimat baqa ma giex jaqra l-meters rispettivi avolja saru appuntamenti bejn il-partijiet ghal dan l-iskop. L-esponenti talbu wkoll sabiex jinghataw dettalji dwar dak li qed jintalab ghall-konsum (li m'hemmx, ghax ma hemmx servizz) u tal kera tal-meters (li l-esponenti taccetta), izda l-intimat irrifiuta li jaqsam dawn l-arretrati kif mitlub.*

4. *Dwar il fondi l-ohra (b), (d) u (e), saru xi hlasijiet bejn id-data tal-prezentata tal-ittra ufficiali (23 ta' Settembru, 2015) u d-data tallum u dawn ghandhom ukoll jigu mnaqqsa mit-talba tal- intimat.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tirriduci l-ammont reklamat mill-intimat, cioe €8,448.99, b'dawk l-ammonti li jirrelataw ghall-konsum ta' ilma u elettriku relattivi ghall-fondi 357, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera u ghall-fond 87, (illum mibdul ufficialment ghall 124), Triq Guze' Howard, Sliema, kif ukoll kull imhallas minn Settembru 2015 sallum.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat ir-risposta tas-socjeta Automated Revenue Management Services Limited datata 12 ta' Jannar 2016 fejn, ghal dak mitlub, ressqet is-segwenti eccezzjonijiet:

*Illi fl-ewwel lok ghandu jinghad illi l-kontijiet ikkontestati mill-attrici, u cioe tal-fondi riferuti bhala (a) 357, Triq Kbira Hamrun li jgib il-kont numru 101000193232 u (c) 87, Triq Guze' Howard, Sliema li jgib il kont numru 101000163852, ma gewx skonnessi snin ilu bhal m'hu qed tallega l-attrici izda gew skonnessi biss f Novembru 2014 fil-kaz tal-kont riferut bhala (a) u Jannar 2015 fil-kaz tal-kont riferut bhala (c)*

*Illi jekk dawn il-fondi mhumiex abitati hemm procedura appozita sabiex is- societa' esponenti tigi mgharrfa dwar dan il-fatt halli l-konsum jigi rifless akuratament fil-kontijiet mitluba. Jekk dan ma jsirx kontijiet ghal konsum ta' dawl u elettriku jibqghu jirriflettu s-sitwazzjoni precedenti ta' konsum meta meter readings ma jkunux qed isiru regolarment. Illi l-attrici la infurmat l-ARMS b'dan u wisq anqas ippruvat b'xi mezz li jsiru il-meter readings.*

*Illi s-socjeta' esponenti ppruvat taghmel spezzjoni fil-fond (a) u cioe 357, Triq il-Kbira Hamrun izda din qatt ma saret peress illi ghalkemm saru diversi tentattivi biex jigi fissat appuntament, l-attrici dejiem sabet xi skuza jew ohra sabiex dan ma jsirx kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Illi rigward il-fond (c) u cioe 87, Triq Guze' Howard, Sliema li jgib il-kont numru 101000163852 saret spezzjoni debita fil-fond min-naha tal-ARMS u il-meter readings gew ikkonfermati mal-kontijiet ghal konsum li kienu qed jigu mahruga fuq dan il fond u li ghaldaqstant ilkontijiet mahruga jirreflettu akkuratament il-konsum.*

*Illi attrici tghid li saru pagament fuq il-kontijiet l-ohra u cioe (b) ossia fond bin-numru 62, Triq San Pawl, Rabat, (d) ossia 122 Triq Guze Howard, Sliema u (e) ossia 142/7,*

*Triq it-Torri, sliema. Illi l-unika pagament effettwat kien dak tal-fond (e) ossia 142/7, Triq it-Torri, Sliema fl-ammont ta' mija, tlieta u tletin ewro u tnax-il centezmu (€133.12) filwaqt illi kontijiet I-ohra ghadhom pendenti. Illi dawn l-ahhar kontijiet mhumiex kontestati mill-istess attrici u ghaldaqstant ghandhom jigu mhallsa mill-iktar fis possibli.*

*Ghaldaqstant is-societa' esponenti qed titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara illi I-attrici hija debitrici tas-socjeta esponenti ghall-konsum ta' dawl u ma u kera tal-meters fl-ammont rivedut ta' tmien t'elef tlett mija u stax il- Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€8315.87) u tikkundannaha thallas l-istess ammont.*

Rat ix-xhieda ta’ **Reuben Bonnici**, rappresentant tas-socjeta ARMS Limited, moghtija fl-4 ta’ April 2016 u fit-12 ta’ Jannar 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fit 12 ta’ Gunju 2017 il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet kienu ttransigew il-pendenzi kollha in rigward tal-kontijiet tal-fondi (a) 357, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera, (b) 62, Triq San Pawl, Rabat, (d) 122/2, Triq Guze Howard, Sliema, u (e) 142/7, Triq it-Torri, Sliema filwaqt illi ma waslux ghal ftehim dwar il-kont tal-fondi (c) 87, Triq Guze, Howard, Sliema u ghalhekk talbu lill-Qorti sabiex tisma l-provi u tiddeciedi l-kawza limitatament ghal dak illi jirrigwarda il-fond (c) 87, Triq Guze, Howard, Sliema.

Rat is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar moghtija fit-8 ta’ Marzu 2002 fl-ismijiet ‘***Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma f’isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta vs Yvonne Pullicino***’ (fol 182) u esebita is-socjeta ARMS Ltd.

Semghet ix-xhieda ta’ **Maryanne Pullicino**, bint ir-rikorrenti, moghtija fil-5 ta’ Ottubru 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Rat illi fl-20 ta’ Ottubru 2017 is-socjeta ARMS Limited ippresentat nota fejn gharrfet illi mill-pretensjoni originali taghha kif kontenut fl-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna, l-unika pretensjoni pendenti kienet dik tas-somma ta’ elfejn, sebgha mija u wiehed u ghoxrin Euro u tnejn u sittin centezmu (€2,721.62) rappresentanti dak dovut fuq il-kont Nru 101000163852 fl-indirizz 87, Triq Guze Howard, Sliema.

Rat illi fit 13 ta’ Novembru 2017 il-kawza thallet ghas-sottomissjonijet finali tal-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fis 7 ta’ Dicembru 2017, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi fit-23 ta’ Settembru 2015, is-socjeta Automated Revenue Services Limited baghtet Ittra Ufficjali lir-rikorrenti Yvonne Pullicino fejn talbitha thallas is-somma komplessiva ta’ €8,448.99 rappresentanti kontijiet ta’ dawl u ilma ta’ sitt fondi differenti.

Jirrizulta illi, waqt il-mori tal-kawza odjerna, il-partijiet wasslu f’arrangament dwar il-kontijiet ta’ hames mis-sitt fondi indikati fl-Ittra Ufficjali.

Jirrizulta illi, madanakollu il-partijiet ma wasslux fi ftehim dwar il-kont Nru 101000163852 relatat mas-servizz ta’ dawl u ilma fl-indirizz 87, Triq Guze Howard, Sliema.

Jirrizulta, ghalhekk, illi l-unika pendenza illi ghandha tinvestiga abbazi tat-talba originali tar-rikorrenti Yvonne Pullicino hija dik relatata mal-kont fuq imsemmi Nru 101000163852.

Jirrizulta illi dana il-meter tad-dawl gie installat fil 11 ta' Jannar 1958 (fol 156) u fid-19 ta' April 1994 inqaleb minn fuq Ingrid Mary Fiorini ghal fuq ir-rikorrenti Yvonne Pullicino (fol 157).

Jirrizulta illi fil-11 ta' Novembru 1996 (fol 158), ir-rikorrenti, tramite il-konsulent legali taghha illum Imhallef Robert Mangion kien gharraf lill-Enemalta li l-fond kienu ilu maghluq is-snin u ghalhekk kien qieghed jitlob spjegazzjoni tal-kont ta' Lm54.22.

Jirrizulta, di fatti, illi zmien qabel, ossija fil-11 ta' Gunju 1996 (fol 190), jigifieri hames xhur qabel, ir-rikorrenti kienet giet mgharrfa mill-Enemalta illi kienu ser jigu biex jaqilghu l-meter tad-dawl fit-3 ta' Lulju 1996.

Jirrizulta, madanakollu, illi dana l-appuntament ma nzammx u il-meter ma nqalghax.

Jirrizulta, mill-istatement prodott mis-socjeta ARMS Limited (fol 32 sa 37) mit-18 ta' Lulju 1997 sat 18 ta' Marzu 2016, illi ghajr ghal pagament wiehed ta' €788.57 fit 28 ta' Mejju 2010 (fol 35), ma sar ebda pagament fuq il-kont.

Jirrizulta illi kien biss fil-31 ta' Jannar 2015 illi l-meter tad-dawl inqata, u dana in vista ta' 'charge' ta' €70 illi tidher registrata u li hija mizata amministrattiva dovuta ghat-tnehhija ta' meter. (fol 37)

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi, skond l-Artikolu 72 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 545.01 intitolata '***Regolamenti Fuq il-Provvista ta' l-Elettriku***',

> *Ebda konsumatur ma jeħles mill-obbligu tal-ħlasijiet tal-ħlas tal-meter jew tal-konsum f'lok imgħammar minnu kemm-il darba u sakemm ma jagħtix avviz bil-miktub lic-Chairman fejn ifissirlu li ma bi ħsiebux jibqa' juza l-kurrent elettriku minn dik id-data li tingħata minnu, u kemm-il darba u sakemm ma jkunx ħallas kull somma ta' flus li l-konsumatur ikollu jagħti taħt dawn ir-regolamenti*

Jirrizulta illi, ghalkemm ma hemm ebda dokument li juri li attwalment il-konsumatur ossija ir-rikorrenti indikat bil-miktub illi ma kienetx bi hsiebha tibqa tuza l-kurrent elettriku, hemm dokument datat 11 ta' Gunju 1996 mibghut mill-Korporazzjoni Enemalta illi juri illi attwalment l-Korporazzjoni Enemalta kienet gharrfet lir-rikorrenti illi fit-3 ta' Lulju 1996 huma kienu ser jmorru fil-fond 87, Triq G Howard, Sliema, sabiex inehhu l-meter tad-dawl – dina certament hija indikazzjoni cara illi attwalment l-Korporazzjoni Enemalta kienet giet mgharrfa li s-servizz tal-elettriku ma kienx aktar mehtieg u ghalhekk kellhom jaqilghu l-meter tad-dawl.

Jirrizulta illi, ghal ragunijiet mhux maghrufa, lanqas mis-socjeta ARMS Limited, dana il-meter ma tnehhiex dakinhar u s-servizz tieghu twaqqaf fil-31 ta' Jannar 2015, ftit anqas minn ghoxrin sena wara illi kellu jinqata originalment, u dana meta s-servizz tad-dawl inqata' mis-socjeta unilateralment.

Jirrizulta wkoll illi s-socjeta ARMS Limited ma kienetx f'pusizzjoni tindika jekk fid-data tal-11 ta' Gunju 1996, meta intbghatet l-Ittra fuq imsemmija ghat-tnehhija tal-meter, kienx ghad fadal bilanc dovut jew le, ghalkemm il-Qorti tippresumi illi, la darba l-Korporazzjoni kienet gharrfet lir-rikorenti

illi kienet ser tnehhi l-meter, ghalhekk kienet ukoll a korrent ta' dak illi kien jipprovdi l-Artikolu 72, fis-sens illi kellu jithallas kull pagament pendenti qabel ma jitnehha l-meter.

Ghalhekk, in vista tad-dokument tal-Korporazzjoni stess, illi madanakollu ma giex esebit mis-socjeta ARMS Limited izda gie esebit mir-rikorrenti, jirrizulta car illi, mill-11 ta' Gunju 1996, ir-rikorrenti, bhala konsumatur, kienet hellset mill-obbligu tal hlasijiet tal-meter u konsum stante illi kienet gharrfet lill-Korporazzjoni li ma kellhiex aktar bzonn il-meter u l-Korporazzjoni kienet laqghet tali avviz billi infurmatha li fit 3 ta' Lulju 1996 kienu ser jigu biex inehhu l-meter, liema meter izda baqa' qatt ma tnehha.

Ghaldaqstant, l-ammont mitlub mis-socjeta ARMS in konnessjoni mal-kont Nru 101000163852 relatat mas-servizz ta' dawl u ilma fl-indirizz 87, Triq Guze Howard, Sliema ma huwiex dovut.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat in-nota tas-socjeta ARMS Limited datata 20 ta' Ottubru 2017 fejn gharrfet illi, ghajr ghal kont Nru 101000163852 relatat mas-servizz ta' dawl u ilma fl-indirizz 87, Triq Guze Howard, Sliema, il-kontijiet kollha l-ohra imsemmija fl-Ittra Ufficjali Nru 2368/15 meritu tal-kawza odjerna gew lkoll saldati,

Wara illi rat il-provi kollha in konnessjoni mal-kont Nru 101000163852 relatat mas-servizz ta' dawl u ilma fl-indirizz 87, Triq Guze Howard, Sliema,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata in konnessjoni ma' tali kont Nru 101000163852, u ghalhekk,

**Tilqa** t-talba rikorrenti limitatament ghal dak li jirrigwarda l-kont Nru 101000163852 relatat mas-servizz ta' dawl u ilma fl-indirizz 87, Triq Guze Howard, Sliema u

**Tiddikjara** illi t-talba ghal hlas tas-somma ta' €2,721.62 in rigward il-kont Nru 101000163852 relatat mas-servizz ta' dawl u ilma fl-indirizz 87, Triq Guze Howard, Sliema hija wahda infondata.

**Spejjez** tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu a kariku tas-socjeta intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur